13 ta' Frar, 1948.

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Teodoro Cilia et. *versus* Antonio Francalanza et.

**Jattanza — Millantazzjoni — Pussess.**

*Il-pussess f'materja ta' millantazzjoni ma jridx neċessarjament ikun leġittimu u pruvat b'dokumenti; imma huwa biżżejjed il-pussess, u anki l-kważi-pussess. L-aktar ma għandux bżonn jipprova li l-pussess tiegħu huwa leġittimu, imma huwa biżżejjed li jipprova l-pussess "de facto".*

Il-Qorti, — Rat ic-citazzjoni li biha l-atturi talbu li, peress li l-konvenuta Carmela Francalanza, għan-nom tagħha u għan-nom taż-żewġ ħutha l-oħra, b'ittri privati tal-14 ta' Diċembru 1947 (dok. A u B), indirizzati lill-inkwilini li qegħdin jokkupaw il-postijiet nru. 29 u 30 rispettivament, Bridge Wharf, Marsa, u l-kalkara tal-ġir nru. 18, Cejlu Street, *il-Marsa*, intimathom biex jibdew minn dak in-nhar il-kera jħallsuh, flok lill-atturi, lilhom, u immillantat drittijiet ta' proprjetà fuq l-istess, billi qalu li kienu wirtuhom minn għand iz-ziju tagħhom Salvatore Francalanza, il-konvenuti jiġi lilhom prefiss terminu minn dina l-Qorti biex jiddeduċu fil-ġudizzju dina l-pretensjoni *tagħhom; u fil-każ ta' nuqqas li jagħmlu dan, jiġi* prefiss lill-konvenuti l-perpetwu silenzju. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Mill-provi jidher li l-fondi msemmija fl-att taċ-ċitazzjoni, dawk li qegħdin fi Bridge Wharf, nru. 29 u 30, jiffurmaw blokk ta' bini wieħed, u l-ieħor jinsab Cejlu Street, nru. 18, il-Marsa, mikrijin in-nru. 29 ta' l-ewwel wieħed lil ċertu Albanozzo, u t-tieni post lil ċertu Cassar. Jirriżulta wkoll, mill-ittri eżibiti, li l-konvenuta Carmela Francalanza kitbet l-ittri eżibiti għan-nom tagħha kif ukoll ta' ħutha, fejn jirriżultaw il-*millantazzjonijiet allegati*;

Illi t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti ġiet newtralizzata bid-dokumenti eżibiti wara n-nota ta' l-atturi tal-4 ta' Frar 1948;

Illi l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti, inkwantu għall-fatt allegat li l-istess atturi ma humiex eredi ta' missierhom, apparti d-depożizzjoni ta' l-atturi, minn fejn jidher li huma assumew l-eredità paterna, ma hix ta' ebda valur legali għall-eċċezzjoni odjerna, għal dak li sejjer jingħad aktar tard;

Illi f'dik l-istess l-ewwel eċċezzjoni ntqal li l-atturi ma humiex possessuri tal-fondi li fuqhom il-konvenuti għamlu l-millantazzjoni; imma mil-libretti tar-riċevuti eżibiti, u mid-depożizzjoni ta' l-atturi, li qalu li ilhom żmien idaħħlu l-kera ta' dawk il-postijiet, dana l-pussess ġie soddisfaċentement pruvat;

Illi ntqal li l-pussess f'kawża bħal dik tal-lum irid ikun il-pussess leġittimu, komprovat b'dokumenti; iżda dina l-pre-

tensjoni ġuridika tal-konvenuti hija inkorretta, l-għaliex għal kawżi bħal dawna mhux biss il-pussess, imma anki l-kważi-pussess, huwa biżżejjed sabiex l-istess jiġu promossi. Del resto, huwa risaput illi f'ġudizzju bħal dana tal-lum, ta' natura preventiva, il-pretiża ta' l-attur inġurjat jew diffamat mhix dik li d-diffamanti ma għandhiex xi dritt, imma dik li jara li min ikun jivvanta xi dritt li jkun fih investit bi kwalunkwe mod juri fi żmien qasir x'inhuwa d-dritt vantat minnu, jekk qatt ikun jikkompetilu xi dritt — dak li juri kemm il-pussess irid ikun biss materjali, jew "de facto". Infatti l-Voet, fit-Titolu V "De Judiciis, et ubi quisque agere vel convenire debeat", paragrafu XXI, jesprimi din l-opinjoni meta jgħid li :—

"..........enim, si.............. servitutum intuitu jactantia sparsique rumores sufficiant, causam non animadverto cur non longa magis pro asserenda proprietate rei, vel libertate ab obligatione ex contractu vel delicto per rumores sinistros in dubium vocata, invigilaretur, cum utique quo magis et quo maiori de re unusquisque periclitatur, eo quoque magis ei defensiones concedendae sint: praesertim cum considerandum sit, actorem ex lege diffamari experiuntem non intendere nullum adversario jus competere (quod in rei vindicatione non habet locum, nec prodesse potest), sed id unum desiderare ut adversarius diffamator actionem intra brevius temporis spatium moveat si quam sibi competere putet; aut alias veluti in injuriae per jactantiam allatae poenam perpetuo sileat; quod non repugnat naturae actionum in rem, multoque minus iis quae in personam sunt";

Illi del resto, anki skond il-ġurisprudenza tagħna, ġie deċiż li fil-ġudizzji sommarji tal-jattanza l-attur ma għandux bżonn jipprova l-pussess leġittimu, imma huwa biżżejjed il-pussess "de facto" (ara P.A. Ċivili 26 ta' April 1877, in re "Spiteri Agius et. versus Formosa et."—Vol. VIII, paġ. 168, tal-Kollezzjoni). U kwindi l-kwistjoni sollevata mill-konvenuti ma tistax, la skond id-dottrina u lanqas skond il-ġurisprudenza, tkun sostnuta;

Illi jirriżulta soddisfaċentement illi l-vantati millantazzjonijiet ġew magħmula minn Carmela Francalanza anki bl-inkariku tal-konvenuti l-oħra;

Għal dawna l-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tilqa' l-ewwel talba attriċi u tiffissa lill-konvenuti, sabiex jiddeduċu, sas-27 ta' Frar 1948; spejjeż riżervati; u tiddifferixxi l-kawża għat-28 ta' Frar 1948 sabiex tieħu konjizzjoni tat-tieni talba, jekk ikun hemm bżonn.